Qorti ta' l-Appell

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 359/2008AE

**Roderick Zammit (K.I. 550076M)**

**vs**

**Joseph Francis Zammit (K.I. 102171M)**

L-Erbgha, 23 ta' Marzu 2016

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrent datat 15 t' Ottubru 2008 li permezz tieghu talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' hdax -il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (Eur11,646.81) jew somma ohra verjuri li kellha tigi likwidata okkorrendo permezz ta' periti nominandi, liema somma ma kellhiex teccedi l-istess ammont rapprezentanti danni u dizabilita' permanenti sofferti minnu li gew ikkagunati mill-intimat f'incident li sehh fis-17 ta' Dicembru 2006.

Rat ir-Risposta u l-kontro-talba tal-intimat[1] tat-12 ta' Novembru 2008. Fir-risposta huwa eccepixxa (i) preliminarjament in-nullita' tal-proceduri stante li fir-rikors promotur ma giex indikat kif gew ikkawzati d-danni pretizi; (ii) fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda peress li l-agir tal-intimat kien wiehed ta' legittima difesa pprovokat totalment mir-rikorrent; (iii) fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent ma sofra ebda danni. Fil-kontro-talba huwa talab il-likwidazzjoni u hlas ta' danni minhabba dizabilita' permanenti sofferta minnu stante aggressjoni li saret fuqu mir-rikorrent fis-17 ta' Dicembru 2006.

Rat il-verbal tad-9 ta' Dicembru 2008[2] li fih id-difensur tal-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa minnu.

Rat ir-Risposta tar-rikorrent ghall-kontro-talba tal-intimat[3] tat-18 ta' Frar 2009 fejn gie eccepit (i) preliminarjament in-nullita' tat-talba rikonvenzjonali in kwantu kienet prezentata mill-intimat kontra tieghu innifsu; (ii) fil-mertu t-talba rikonvenzjonali hija

[1] Fol 10 u 11
[2] Fol 14
[3] Fol 20

preskritta; (iii) kien l-intimat li aggredixxa lir-rikorrent u kkagunalu dizabilita' permanenti; (iv) fi kwalunkwe kaz, l-intimat ma sofra ebda danni.

Rat id-digriet tat-18 t'Ottubru 2010[4] li permezz tieghu il-Qorti laqghet it-talba tal-intimat[5] u awtorizzat is-sostituzzjoni tal-isem "Joseph Francis Zammit" fil-bidu tal-kontro-talba bl-isem "Roderick Zammit".

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Mejju 2013 li fiha gie deciz hekk:

*"Filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-intimat kif ukoll l-eccezzjoni tar-rikorrenti ghat-talba rikonvenzjonali tal-intimat:*
*Tilqa t-talba attrici kif ukoll it-talba rikonvenzjonali tal-intimat u ghalhekk –*
*Tikkundanna lill-intimat Joseph Francis Zammit ihallas lir-rikorrent is-somma ta' ghaxart elef, erbgha mija u tletin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€10,430.88) bhala danni sofferti mir-rikorrent u kkawzati mill-intimat fil-glieda illi sehhet bejn il-partjiet fis-17 ta' Dicembru 2006, u*
*Tikkundanna lir-rikorrent Roderick Zammit ihallas lill-intimat is-somma ta' elfejn, mija u sebgha u tmenin Euro u tnax il-centezmu (€2,187.12) bhala danni sofferti mill-intimat u kkawzati mir-rikorrent fil-glieda illi sehhet bejn il-partijiet fis-17 ta' Dicembru 2006.*
*In vista tar-responsabbilta' ugwali da parte taz-zewgt partijiet ghal glieda li wasslet ghal kawza odjerna, l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sofferti b'mod ugwali bejniethom.*
*L-imghax fuq is-sorte tibda tiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv."*

Dan wara li l-istess Qorti ghamlet fost ohrajn is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. Il-kawza tirrigwarda danni rizultanti minn griehi ta' natura permanenti li z-zewg partijiet sofrew b'rizultat ta' glieda li nqalghet bejniethom fis-17 ta' Dicembru 2006;
ii. Il-partijiet taw verzjonijiet konfliggenti dwar il-kawza u d-dinamika tal-glieda;
iii. L-espert imqabbad mill-Qorti Mr Anthony Zammit ezamina liz-zewg partijiet u kkonkluda li r-rikorrent Roderick Zammit sofra dizabilita' permanenti totali ta' 6% filwaqt li l-persentagg ta' dizabilita' soffert mill-intimat Joseph Francis Zammit kien ta' 1.5%;
iv. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mir-rikorrent ghat-talba

[4] Fol 56
[5] Fir-rikors tat-13 t'Ottubru 2010 a fol 54 u 55

rikonvenzjonali tal-intimat giet respinta peress li ma tressqu ebda provi dwarha u l-Qorti ma nghatat ebda hjiel dwar liema preskrizzjoni kellha tikkonsidra;

v. Il-glieda li sehhet bejn il-partijiet kienet wahda kbira fejn huma mhux biss gew fl-idejn izda bdew jigdmu lil xulxin u kkawzaw feriti gravi lil xulxin, liema fatt jindika b'mod car li t-tnejn li huma kkawzaw griehi lil xulxin volontarjament;

vi. L-intimat kien gja nstab hati tal-kaz fi proceduri kriminali u l-Qorti ma kellhiex informazzjoni dwar jekk kienx tressaq appell jew le minn dik id-decizjoni. Madankollu l-Qorti ma dehrilix li in vista' ta' tali htija, ir-rikorrent kellu jigi mehlus minn kwalsiasi responsabilta' ghall-glieda li sehhet;

vii. Irrizulta ben car li l-partijiet ikkawzaw griehi permanenti fuq xulxin u rrispettivament minn min minnhom ipprovoka l-bidu tal-glieda, huma t-tnejn ghandhom jirrispondu ghall-agir taghhom u ghandhom ghalhekk jaghmlu tajjeb ghal dak li kkawzaw fi kwoti ndaqs u cioe' mija fil-mija (100%);

viii. Dwar id-danni, ebda *damnum emergens* ma ntalab mill-partijiet. Il-persentaggi ta' dizabilita' permanenti tal-partijiet kif stabbiliti mill-espert mediku Mr Anthony Zammit gew adottati mill-Qorti;

ix. Il-partijiet ma ressqu ebda prova dwar l-introjtu taghhom fil-mument li sehh l-incident u ghalhekk giet applikata r-rata skont il-paga minima nazzjonali vigenti fl-epoka tal-incident.

L-intimat Joseph Francis Zammit hassu aggravat minn din id-decizjoni u ntavola appell minnha quddiem din il-Qorti. Huwa talab (i) il-konferma taghha sa fejn laqghet it-talba rikonvenzjonali tieghu fis-sens li sabet lir-rikorrent responsabbli ghad-danni; (ii) il-varjazzjoni taghha ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni akkordat lilu; (iii) il-kancellament tas-sentenza fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrent, li ghandhom minflok jigu michudin; (iv) l-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.

Ir-rikorrent appellat wiegeb u ressaq ukoll appell incidentali dwar l-apprezzament tal-provi ghax sostna li l-verzjoni tal-intimat appellant ma kinitx verosimili u ghalhekk ma kellux jigi kundannat ihallsu danni; kif ukoll appella mill-*quantum* tad-danni akkordati lilu.[6] L-appellant ipprezenta risposta ghall-appell incidentali[7].

Waqt is-seduta tat-23 t'Ottubru 2015 dehru l-partijiet assistiti u d-difensuri taghhom ghamlu t-trattazzjoni.

[6] Fol 9 et seq
[7] Fol 26 et seq

Il-Qorti rat l-atti.

**Preliminari.**

1. Fit-twegiba tieghu ghall-appell principali, Roderick Zammit issolleva n-nullita' tar-rikors tal-appell ghax sostna li ma tezisti ebda Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u dan a tenur tal-Artikolu 2 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis dan il-pregudizzjali bhala wiehed fieragh. L-Artikolu 2 tal-Kap 12 jestabilixxi l-gurisdizzjoni generali tal-Qrati Civili u ghalhekk ma huwa ta' ebda rilevanza ghall-punt imqajjem mill-appellat. *Invece* l-Artikolu 41 (6) tal-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi car li:

*"Il-Qorti tal-Appell tisma' wkoll u tiddeċiedi l-appelli mid- deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha. Iżda, għal dawn l-appelli, il-Qorti tal-Appell hija magħmula minn wieħed biss mill-membri tagħha, u kull imħallef, maħtur mill-President ta' Malta biex joqgħod għas-smigħ ta' dawn l-appelli, jitqies bħala membru ta' dik il-qorti. Il-Qorti tal-Appell kif magħmula taħt dan is-subartikolu tista' wkoll tissejjaħ bħala l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)."*

L-appell odjern huwa wiehed intavolat minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) quddiem il-Qorti tal-Appell maghmula minn Imhallef wiehed. In-nomenklatura "Qorti tal-Appell ("Kompetenza" - jew l-ekwivalenti taghha "Sede" - Inferjuri) hija derivata minn dan l-Artikolu. Ma tirrizulta ghalhekk ebda nullita' tar-rikors tal-appell principali.

2. Frivolu wkoll huwa l-kumment preliminari tal-appellant Joseph Francis Zammit fl-ewwel paragrafu tar-risposta tieghu ghall-appell incidentali ta' Roderick Zammit. Il-Qorti tqis li ghalkemm l-isem fir-risposta tal-appell u l-appell incidentali gie ndikat bhala "Rodrick Zammit" minflok "Roderick Zammit" ma hemm ebda dubju dwar l-identita' tal-persuna tal-appellat kemm minn numru tal-Karta tal-Identita' tieghu kif ukoll mill-kontenut innifsu tal-att gudizzjarju in kwistjoni.

**L-appell principali ta' Joseph Francis Zammit.**

**L-ewwel aggravju**

L-ilment tal-intimat appellant huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tad-dritt meta kkonkludiet li kemm l-appellant kif ukoll l-appellat ghandhom jirrispondu 100% ghall-hsarat kagunati. La necessarjament kienet jew parti jew ohra li bdiet il-glieda, fil-fehma tal-appellant, ir-responsabilta' kellha tigi mqassma skont is-sehem rispettiv ta' kull wiehed. Huwa sostna li l-agir tieghu kien wiehed motivat

biss minn *legittima difesa* u l-ewwel Qorti naqset milli tistharreg din id-difiza.

Il-Qorti tqis li fil-kaz in ezami hemm zewg verzjonijiet konfliggenti dwar ir-raguni u d-dinamika tal-glieda li sehhet u l-partijiet qeghdin iwahhlu f'xulxin dwar min bdiha.

Ir-rikorrent qal[8] li fis-17 ta' Dicembru 2006 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl dahar il-kantuniera ma' Triq Merkanti l-Belt Valletta bil-karozza u sema' lill-intimat illum appellant jghajjatlu. Hu waqaf, staqsieh x'kellu bzonn u kompla jixhed hekk –

*"Nizel, hatafni u qalli inti ttantajtli lil tieghi, gidimni, qataghli two point five centimetres (2.5cm) minn xuftejja, gidimli subajja u b'difrejh ghamilli xi erbgha punti f'widnejja x-xellugija."*

Il-verzjoni tal-intimat appellant hija ferm differenti[9]. Huwa jghid li dakinhar tal-incident kien ghadu kemm ghalaq il-hanut fi Triq il-Merkanti l-Belt Valletta. Il-hin kien ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl. Zied li mar lejn il-karozza tieghu ipparkjata fl-istess triq u kif beda jsuq, sab quddiemu zewg vetturi ohra hergin lejn id-direzzjoni ta' Kastilja. Il-vettura ta' quddiem naqqset il-velocita' biex iddur lejn Triq Melita u l-vettura ta' warajha, u cioe' dik li kienet quddiem il-vettura tal-intimat, bdiet iddoqq il-horn u dawn iz-zewg xufiera donnhom bdew jargumentaw bejniethom. Il-vettura ta' quddiem l-intimat baqghet sejra dritt u l-intimat dar lejn Triq Melita. Kif kien niezel fit-tarf taghha ra Mercedes bajda wieqfa. Huwa jkompli jixhed hekk -

*"F'daqqa wahda hareg wiehed minn din il-Mercedes. Gie fuqi u qalli "ghalfejn bdejt tpaqpaq?" u offendieni. Lanqas tani cans niccaqlaq ghaliex kif kont ghadni bilqieghda fil-karozza, tani daqqa ta' ponn go snieni. Fetahli l-bieba, gebbidni 'l barra mill-karozza u beda jaghtini. Spiccajna ma' l-art. L-ewwel gidimni taht dahri. Imbaghad huwa ta s-salt biex jigdimli wicci. Hekk kif rajtu gej, bdejt inzommlu halqu b'idejja u hu rega' gidimli subajja. Cedejt idejja u gie ma' wicci. Imbaghad gew erbgha min-nies u firduna.*"

Il-Qrati dejjem kienu konsistenti dwar il-principji li japplikaw meta jkun hemm kunflitt ta' verzjonijiet bejn il-partijiet f'kawza. Fil-kaz **Pickless Limited (C-11535) vs Saviour Farrugia et**[10] deciz fl-20 ta' Jannar 2016 il-Qorti qalet hekk:

[8] Xhieda tieghu a fol 16
[9] Affidavit a fol 49
[10] Rik Nru 445/2007 Prim Awla tal-Qorti Civili

*"Fil-kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiemha, u cioe:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur."*

Fil-kaz **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**[11] deciz fis-26 ta' Settembru 2013 intqal hekk -

*"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;"*

B'rilevanza partikolari ghall-kaz odjern, issir ukoll referenza ghal kaz iehor fl-ismijiet **Osea Micallef vs Charles Tonna** deciz fit-2 ta' Mejju 2002[12] li wkoll kien jitratta glieda bejn iz-zewg partijiet li fiha t-tnejn bdew iwahhlu f'xulxin:

*"Li kif inhu maghruf, f'kawza li ssir, l-attur irid jipprova dak li jippremetti fic-citazzjoni. F'din il-kawza, tista' tghid ghandna zewg atturi, peress li l-konvenut ressaq kontro- talba, u t-tnejn li huma jallegaw li l-incident in kwistjoni kien rizultat tal-provokazzjoni jew agir vjolenti da parti tal-parti l-ohra. It-tnejn taw verzjoni differenti ta' kif gara l-incident, u difficli, minn dak li ntqal f'din il-kawza, li l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni dwar min minnhom kien qed jghid il-verita'. Kif inghad, f'din il-kawza, il-piz qieghed fuq iz-zewg partijiet; l-attur irid jipprova li kien il-konvenut li kkagunalu il-hsara, waqt li l-konvenut irid jipprova wkoll li kien l-attur li kkagunalu l-hsara li minnu qed jilmenta. Zgur hu li, f'din il-kawza, il-partijiet gew fl-idejn u t-tnejn sofrew griehi u m'ghandux ikun hemm dubju li l-attur ikkaguna griehi lill-konvenut, u l-konvenut ikkaguna griehi lill-attur. Il-problema li din il-Qorti taffaccja, hija biex tiddeciedi b'rizultat ta' min sehh l-incident, ghax jekk jirrizulta li wiehed minnhom ipprovoka l-incident, u kien hu li kkaguna l-isfrakass kollu, allura ovvjament il-piz ta' dik il-persuna, tkun wahda aktar gravi."*

Fl-isfond ta' dawn il-principji gurisprudenzjali il-Qorti tikkonkludi li huwa pacifiku mill-provi mressqa li fis-17 ta' Dicembru 2006 ghall-habta tal-11.30pm sehhet glieda qalilha bejn ir-rikorrent u l-intimat bil-konsegwenza li t-tnejn ikkawzaw diversi griehi ta' natura permanenti fuq xulxin. Il-griehi li sofra r-rikorrent huma ta' natura aktar

[11] Cit Nru 2590/99 Prim Awla tal-Qorti Civili

[12] Cit 1205/95 Prim Awla tal-Qorti Civili

serja u l-persentagg ta' dizabilita' permanenti tieghu huwa aktar gholi. Jirrizulta wkoll li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-appellant u b'sentenza tat-3 ta' Gunju 2010 nstab hati. M'hemmx prova li appella mis-sentenza. M'hemmx prova li ttiehdu proceduri kriminali kontra l-attur.

Il-qorti tosserva kif hadd mill-partijiet ma ghamel kontro-ezami lill-parti l-ohra. Kull m'ghandha l-qorti hi:

(a) deposizzjoni qasira u xotta tal-attur;
(b) affidavit tal-konvenut li mieghu hemm mehmuza stqarrija tal-konvenut lill-pulizija;
(c) Sentenza fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Francis Zammit**, li biha l-konvenut instab hati u gie kkundannat ghal sitt xhur prigunerija sospiza ghal sentejn. Sentenza li ma titfax dawl fuq min beda l-glieda u min iddefenda ruhu, u fejn inghad biss: *"Mill-provi prodotti rrizulta li, fis-17 ta' Dicembru 2006, l-imputat u Roderick Zammit gew fl-idejn fuq argument li kellhom bejniethom...."*[13].

Mis-sentenza hu evidenti li l-ewwel qorti ma ghamlet l-ebda konkluzjoni dwar min agredixxa lil min, tant hu hekk li jinghad:-

*"Il-fatti huma li huma, u jirrizulta ben car illi r-rikorrent ikkawza griehi permanenti fuq l-intimat filwaqt illi l-intimat ikkawza griehi permanenti fuq ir-rikorrent u **irrispettivament minn min wassal sabiex tali glieda tinbeda**, iz-zewgt partijiet ghandhom jirrispondu ghall-agir taghhom u, ghalhekk, ghandhom jaghmlu tajjeb ghal dak li kkawzaw, u dana fi kwoti ndaqs, ossija mija fil-mija"* (enfazi mizjuda).

Hu evidenti li l-appellant jippretendi li l-ewwel qorti kellha temmen il-verzjoni tieghu fis-sens li gie aggredit mill-attur u kull ma ghamel kien li ddefenda ruhu. Ghadu jinsisti li: *"l-agir tal-appellant kien inevitabbli stante l-aggressjoni fuori luogo tal-appellat"*. Pero' fir-rikors tal-appell ma qalx ghalfejn il-verzjoni tieghu ghandha titwemmen filwaqt li tigi skartata dik tal-appellat, ghalkemm mill-atti jidher li jirraguna li l-verzjoni li ta hi iktar dettaljata filwaqt l-attur ta verzjoni qasira u xotta. Pero' l-kawzi ma jigux decizi skond min jaghti l-iktar dettall. Irid jigi determinat jekk il-verzjoni hijiex kredibbli. B'riferenza ghall-affidavit tal-appellant u wara li l-qorti qieset ukoll dak li ddikjara fl-istqarrija tat-18 ta' Dicembru 2006 (fol. 52), tistaqsi:-

i. L-attur li suppost fi Triq Merkanti kellu argument ma' xufier ta' vettura li kienet warajh, ser jinzel mill-vettura u jistaqsi lill-konvenut ghaliex kien qieghed ipapaq meta mill-provi ma rrizultax li l-konvenut kien qieghed idoqq il-horn[14]? Fl-istqarrija l-konvenut qal: *"Naf li l-karozza ta' quddiemi bdiet tpaqpaq il-horn ghax l-iehor li kien hemm fuq quddiem beda jnaqqas mill-ispeed u z-zewg sewwieqa bdew jargumentaw bejnitehom"*. Fuq bazi

---

[13] Fol 45
[14] Fl-istqarrija qatt ma qal li paqpaq il-horn, imma li *"L-argument kienu li bdew ipaqpqu lil xulxin u jien nistenna warajhom. Dawn telqu u jiena dort ghal gewwa Triq Melita"* (fol. 52).

ta' probabilita jekk il-verzjoni tal-konvenut ghandha mis-sewwa, l-attur kien ser ikun jaf li x-xufier ta' warajh kien qieghed idoqq il-horn u jekk kellu jinzel ghal xi hadd kien jinzel ghax-xufier tal-vettura l-ohra waqt li kienu ghadhom fi Triq Merkanti.

ii. F'kull kaz l-attur kien ser jistenna sakemm jasal hdejn ir-restaurant Pippo's fi Triq Melita[15], li hu tliet kantunieri iktar l-isfel minn Triq il-Merkanti u hemm certu distanza, biex jieqaf fin-nofs tat-triq[16] u jinzel ghas-sosdisfazzjon u jaghti daqqa ta' ponn f'wicc il-konvenut? Probabilment kien jieqaf minnufih biex jiehu s-sodisfazzjon u mhux isuq dik id-distanza kollha sakemm f'daqqa wahda jiddeciedi li jwaqqaf il-karozza f'nofs ta' triq u jinzel ghall-konvenut.

Il-qorti ma temminx il-verzjoni tal-konvenut in kwantu ma tqiesx bhala verosimili c-*chain of events* kif rakkontati minnu. Fis-suppost incident li nqala' bejn l-attur u terza persuna, l-appellant ma kellu x'jaqsam xejn. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-attur kellu jagixxi bil-mod li spjega l-konvenut, meta ma kienx hemm bazi ghalfejn. Fic-cirkostanzi d-difiza ta' *legittima difeza* tfalli. Jibqa' ghalhekk biss il-verzjoni tal-attur li kien il-konvenut li hebb ghalih, li ghalkemm qasira u xotta m'hijiex kontradetta minn provi ohra.

Inoltre, il-konvenut m'ghandux jedd jippretendi danni minghand l-attur, meqjus li l-griehi li sofra m'humiex tali li jistghu jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li l-attur wza forza sproporzjonata meta gie aggredit. Konkluzjoni bazata fuq il-griehi li jirrizulta li sofra l-konvenut u min-naha l-ohra meta tqies il-griehi li garrab l-attur.

## L-appell incidentali tar-rikorrent

Ir-rikorrent ilmenta bid-decizjoni tal-ewwel Qorti li ordnatlu jhallas €2,187.12 bhala danni lill-intimat ghall-griehi li kkawzalu waqt il-glieda. Huwa jinsisti li l-verzjoni tal-intimat ma kinitx verosimili anzi l-indikazzjonijiet kollha, partikolarment in-natura tal-griehi subiti mill-istess rikorrent, jindikaw li kien l-intimat appellant li aggredih u mhux bil-kontra.

Il-qorti diga' kkonkludiet li d-difiza ta' *legittima difesa* hi nfondata u ghalhekk jibqa' biss il-verzjoni tal-attur.

L-attur ilmenta kien jisthoqqlu jigi akkordat is-somma ta' €15,302.36 u mhux €10,430.88 bhala danni minghand l-appellant. Jidher li nesa li fir-rikors promotur ippremetta: *"Ghal kull buon fini l-attur jiddikjara li minkejja li s-somma li trid tigi likwidata tista' teccedi Eur11,646.81 huwa qieghed jillimita t-talba tieghu sa massimu ta' Eur11,646.81"*. Issa ma jistax jirtira mill-posizzjoni li volontarjament ha mill-bidunett tal-proceduri. Dan apparti li meta saru l-proceduri quddiem l-ewwel qorti, il-

[15] Fl-istqarrija l-konvenut qal: *"Meta wasalt fejn il Pippo's Restaurant, dan li kien quddiemi bil-karozza, waqaf fin-nofs tat-triq, hareg mill-vettura u gie ghal fuqi u staqsieni jekk kontx jien li bdejt inpaqpaq il-horn waqt li kont fi Triq Merkanti"* (fol. 52).
[16] Kliem tal-konvenut.

kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet dwar talbiet sal-ammont ta' hdax - il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

i. Ilment dwar il-bazi tal-kalkoli mill-ewwel Qorti.

L-ewwel punt li tirrileva l-Qorti dwar dan l-ilment huwa li l-appellat ma gabx provi dwar dwar il-hidma lavorattiva tieghu mqar permezz ta' *employment history* u lanqas kemm kien l-introjtu taghhom. L-appellat jghid biss fis-sottomissjonijiet tieghu li huwa kien dizokkupat u jghix minn fuq l-ghajnuna socjali u xejn aktar[17]. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li bbazat ruhha biss fuq il-kalkolu tal-paga minima nazzjonali vigenti fis-sena tal-incident kif *del resto* hija d-diskrezzjoni taghha li tillikwida d-danni skont ic-cirkustanzi partikolari tal-kaz. Dan anke in linea mal-prassi adottata mill-Qrati anke f'kazijiet ricenti f'cirkustanzi fejn irrizultat nuqqas ta' prova cara dwar l-introjtu tal-parti leza:-

**Joseph Zammit vs Joseph Bonello et** deciz 25 ta' Frar 2016[18]

*"Allura din il-Qorti anke abbazi tad-diskrezzjoni li ghandha li tillikwida t-telf u l-qliegh fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, anke tenut kont tan-nuqqas tar-rikorrent li jindirizza sew dan il-punt, ser timxi fuq il-paga minima nazzjonali hawn Malta u tapplika l-ammont vigenti fis-sena tal-incident ai fini tal-moltiplicand"*.

ii. Multiplier addottat mill-ewwel Qorti.

L-ewwel Qorti ibbazat ruhha fuq il-hajja lavorattiva tal-parti leza hekk kif applikabbli meta gara l-incident, cioe' sa wiehed u sittin sena. L-attur jippretendi li l-kalkolu kellu jsir sa 65 sena.

Fil-kalkolu tal-*multiplier* ghandu jitqies l-element ta' ncertezza fejn qed issir previzjoni tal-futur li jrid allura jinkorpora *chances u changes of life*. Dan kif konfermat ripetutament mill-Qrati u kif huwa wara kollox ammess mill-appellant stess fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti[19]. Ma tregix ghalhekk il-pretensjoni tal-appellat dwar il-*multiplier*, liema pretensjoni teskludi l-konsiderazzjoni ta' dawn il-fatturi mill-kalkoli.

Fil-kaz **Josephine-Carmen Cunningham et vs John Grech et** deciz fl-14 ta' Jannar 2016[20] intqal hekk -

*"Fir-rigward tal-multiplier hawnhekk ukoll wiehed irid jghid illi normalment f'kazijiet bhal dawn il-multiplier ma jsirx semplici tnaqqis bejn l-età t'irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life"*.

[17] Fol 120
[18] Rik 836/01 Prim'Awla tal-Qorti Civili
[19] Fol 128
[20] Cit Nru 154/08 Prim Awla tal-Qorti Civili

iii. Tnaqqis *lump sum payment.*

L-ewwel Qorti naqqset 20% minhabba *lump sum payment* u dan ghar-raguni illi *"d-dilungar inutli da parte mill-partijiet tul il-proceduri kollha jimmilitaw kontra l-vantagg li l-Qrati jaghtu lil min jitlob tali riduzzjoni biex jaghmel tajjeb ghall-interessi mitluba, u ghalhekk il-Qorti ser tapplika l-oghla rata ta' tnaqqis adoperat mill-Qrati taghna ossia tnaqqis ta' 20%."* Din il-Qorti tinnota li ghalkemm il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti gew intavolati fil-15 t'Ottubru 2008, il-partijiet damu aktar minn erba' snin bejniethom biex ikkonkludew il-provi u dan minkejja li l-portata tal-kaz ma kinitx xi wahda komplikata u lanqas tressqu xi numru kbir ta' xhieda. L-ewwel Qorti stess kienet fil-mori tal-kaz gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghal dan id-dilungar inutli[21]. L-appellat ma gab ebda argument validu biex jirribadixxi din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti u ghalhekk anke dan l-ilment sejjer jigi respint.

Fi kwalunkwe kaz, il-qorti tqies li d-danni kif likwidati mill-qorti huma gusti meta tqies li f'dan il-kaz m'hemmx prova li effettivament kien hemm telf ta' qliegh.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.**
2. **Tilqa' parzjalment l-appell incidentali u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' Mejju 2013 fis-sens li:-**
   - **i. Tichad l-eccezzjoni ta' legittima difesa li ta l-konvenut.**
   - **ii. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fis-17 ta' Dicembru 2006.**
   - **iii. Thassar dik il-parti tas-sentenza li kkundannat lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta' elfejn mija u seba' u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€2,187.12), bl-imghax mid-data tas-sentenza kif ukoll ghal nofs l-ispejjez.**
   - **iv. Tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut.**
3. **Tichad l-aggravju tal-attur dwar il-likwidazzjoni tad-danni.**
4. **Ghal kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti.**

**Spejjez tal-ewwel istanza a karigu tal-konvenut. Spejjez tal-appell incidentali jinqasmu in kwantu ghal 50% a karigu tal-konvenut u 50% a karigu tal-attur gialadarba ma nghatax raguni fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appell incidentali.**

Anthony Ellul

[21] Ara verbal tad-19 ta' Jannar 2010 a fol 37